*Politika ta' Użu Aċċettabli (AUP) għall-Ġenituri u l-Kustodji legali*

***Settembru 2021***

**1. Introduzzjoni**

L-intenzjoni tal-Ministeru ghall-Edukazzjoni (MFED) li jippubblika din il-Politika ta' Użu Aċċettabli (AUP) għall-ġenituri u min hu responsabbli legalment mill-istudenti hija biex tiżviluppa kultura ta' fiduċja u integrità u mhux biex toħnoq il-libertà. Il-ministeru jikkommetti ruħu li jipproteġi lill-istudenti minn azzjonijiet illegali jew ta' ħsara minn individwi oħra kemm b'mod intenzjonat u anke b'mod mhux intenzjonat. It-tablet LearnPad u l-aċċessorji kollha li jiġu miegħu huma propjetà tal-inizzjattiva *One Tablet Per Child* immexxija mill-MFED.

Dawk li se jużaw it-tablets għandhom isegwu f'kull ħin din l-AUP u dokumenti oħra tal-MFED li japplikaw għall-użu tat-teknoloġija. It-tablet *LearnPad* għandu jintuża għal raġunijiet edukattivi.

**2. Għan**

L-għan ta' dan id-dokument huwa biex jispeċifika l-użu aċċettabli tal-*LearnPad* fl-iskola u d-dar. Dawn ir-regoli qed isiru biex jipproteġu lill-istudenti. Użu ħażin tat-tablet jista' jwassal għal riskji fl-iskola jew fid-dar bħal xi virus, ħsarat fis-sistemi u s-servizzi tan-network u konsegwenzi legali.

**3. Skop**

Dawn ir-regoli japplikaw għall-użu tal-informatika, *LearnPad tablet*, u riżorsi ta' network fl-iskejjel. L-istudenti kollha li jużaw *LearnPad tablets* għandhom jagħmlu użu għaqli u tajjeb tat-tagħrif u riżorsi diġitali skont din il-politika, l-istandards, ir-regolamenti u l-liġijiet Maltin. Il-ġenituri/kustodji u min hu legalment responsabbli mill-istudenti għandhom jgħinu lit-tfal iżommu ma' dawn ir-regoli, standards u liġijiet Maltin.

**4. Politika**

4.1 Ġenituri/kustodji (f'isem it-tfal) għandhom jiffirmaw din l-AUP u jirritornaw l-aħħar paġna ta' din l-AUP sabiex jingħata t-tablet.

4.2 It-tablet u l-aċċessorji għandhom jingħataw lura f'kundizzjoni tajba fl-ahhar tas-sitt sena skolastika jew jekk l-istudent ikun se jitlaq minn Malta għal kollox, kif inhu mitlub mill-MFED.

4.3 Il-ġenituri/kustodji għandhom jirrispettaw bis-sħiħ din l-AUP fil-ħinijiet kollha. Il-ġenituri/kustodji għandhom jispjegaw b'mod ċar il-klawsoli ta' din l-AUP lill-istudenti li qed jingħataw it-tablets.

4.4 Din l-AUP tista' tiġi reveduta skont id-diskrezzjoni tal-MFED. Il-ġenituri/kustodji jiġu mgħarrfa minn qabel f'każ li jsiru xi bidliet u tintalab firma għat-termini li jkunu emendati.

*The information you supply will be used by the Government of Malta for administrative purposes only within the terms of the Data Protection Act [Chapter 440 of the Laws of Malta].The personal data contained in this application form shall be processed by the Government of Malta in strict confidentiality and for the purpose it was collected. You have the right to access, rectify, and where applicable, erase any data concerning you. The data collected will be used to administer the project and can be disclosed to third parties authorized by the Ministry who, will be administering the project on behalf of the Ministry. Further details regarding your rights can accessed on http://www.digital.edu.mt/*

Operational Programme II - European Structural and Investment Funds 2014-2020
"Investing in human capital to create more opportunities and promote the well-being of society"
Project part-financed by the European Social Fund
Co-financing rate: 80% European Union; 20% National Funds

4.5 Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u l-Impjiegi u l-amministrazzjoni tal-iskola mhumiex responsabbli għall-ħsarat li jistgħu jinqalgħu, inkluż telf ta' data b'riżultat ta' nuqqas jew ittardjar fit-tqassim jew interruzzjoni fis-servizz kawża ta' negliġenza jew żbalji.

4.6 Din l-AUP tosserva l-liġijiet ta' Malta f'kull ħin.

## 5. Użu edukattiv tajjeb

5.1 It-tablet hija fuq kollox għodda edukattiva u għandha tintuża għal dan il-għan. L-iskop prinċipali hu li t-tablet tintuża sabiex tgħin fil-litteriżmu, in-numeriżmu u l-litteriżmu diġitali, għalkemm oqsma oħra edukattvi m'għandhomx jitħallew barra.

5.2 It-tablet hija għodda edukattiva oħra li għandha tikkumplimenta aktar milli tieħu post teknoloġiji oħra.

5.3 Il-profili li jitpoġġew fuq it-tablet m'għandhomx jitneħħew. It-tablets *LearnPad* huma kkonfigurati mill-MFED u l-manutenzjoni ta' wara huwa f'idejn il-Mobile Device Management System (ClassConnect). Il-profili jkunu installati sabiex l-MFED jew l-iskola jkunu jistgħu jipprovdu r-riżorsi lit-tfal.

5.4 It-tablet hija għodda ta' konsum (qari, aċċess ta' informazzjoni...) kif ukoll apparat għall-produzzjoni (kitba, kreattivita', pubblikazzjoni, użu ta' multimedia...). L-użu tat-tastiera, il-kamera u l-mikrofonu għandu jsir bl-aħjar mod possibbli sabiex ikun aċċertati l-użu meqjus, edukattiv u sigur.

## 6. Nieħdu ħsieb it-tablet u saħħet min jużah

6.1 Huwa importanti li l-ġenituri jinkoragixxu lit-tfal tagħhom biex jieħdu ħsieb it-tablet.

6.2 Meta l-istudenti jħallu t-tablet id-dar, l-edukaturi jew l-SLT għandhom id-dritt li jikkoreġu lill-istudenti bl-istess mod bħal meta jħallu l-affarijiet oħra tal-iskola d-dar.

6.3 L-istudenti huma mistennija li jidħlu fil-klassi kuljum bit-tablet iċċarġjat. L-iċċarġjar tat-tablet għandu jsir dejjem taħt is-superviżjoni tal-adulti. Il-ġenituri/ il-kustodji jistgħu jgħinu lit-tfal tagħhom fejn jistgħu biex jiċċarġjaw l-apparat u jfakkruhom biex jieħdu t-tablet magħhom l-iskola. B'dan il-mod il-lezzjonijiet fil-klassi jsiru mingħajr xkiel. It-tfal huma responsabbli biex jagħmlu x-xogħol tagħhom u f'każ li jkun hemm nuqqas ta' aċċess għall-Internet fid-dar, l-għalliema għandhom jikkonsidraw dan il-fatt.

6.4 Oġġetti tqal jew bil-ponta m'għandhomx jitpoġġew fuq it-tablet u wieħed għandu jevita li jpoġġi t-tablet f'postijiet fejn jista' jaqa' jew issirlu xi ħsara.

6.5 L-istudenti għandhom jieħdu ħsieb it-tablet tagħhom fil-ħinijiet kollha. It-tablet għandu jinżamm f'post sigur meta ma jkunx qed jintuża.

6.6 Ikel u xorb waqt l-użu tat-tablet għandhom ikunu evitati.

6.7 It-tablet għandu dejjem jintuża fuq wiċċ ċatt u jinżamm sod fl-idejn biex jitnaqqas ir-riskju ta' korriment li jinħoloq minn movimenti repetittivi.

6.8 L-istudent għandu jieħu waqfiet spissi meta juża t-tablet. Waqt dawn il-waqfiet, it-tablet għandu jitħalla fuq Sleep Mode.

*The information you supply will be used by the Government of Malta for administrative purposes only within the terms of the Data Protection Act [Chapter 440 of the Laws of Malta].The personal data contained in this application form shall be processed by the Government of Malta in strict confidentiality and for the purpose it was collected. You have the right to access, rectify, and where applicable, erase any data concerning you. The data collected will be used to administer the project and can be disclosed to third parties authorized by the Ministry who, will be administering the project on behalf of the Ministry. Further details regarding your rights can accessed on http://www.digital.edu.mt/*

Operational Programme II - European Structural and Investment Funds 2014-2020
"Investing in human capital to create more opportunities and promote the well-being of society"
Project part-financed by the European Social Fund
Co-financing rate: 80% European Union; 20% National Funds

6.9 L-iskrin tat-tablet għandu jitnaddaf biċ-ċarruta li ma tobroxx ipprovduta mat-tablet. Tipi oħra ta' ċraret għandhom jiġu evitati. Il-film screen protector li jiġi mal-iskrin tat-tablet għandu jitħalla mwaħħal.

6.10 Il-ġenituri/il-kustodji għandhom jiżguraw li l-użu tat-tablet ma jaffettwax il-ħinijiet tal-irqad tal-istudent, l-istudju u r-rikreazzjoni. It-tablet għandu jkun ippreparat għall-jum li jmiss u ma jkunx użat qabel l-irqad.

6.11 L-istudenti għandhom jużaw tikketta sabiex jidentifikaw il-basket tagħhom fejn iġġorru t-tablet. Stiker żgħira tista' titwaħħal mal-istylus biex tiddentifika ta' min hu.

6.12 Il-protective cover u l-iscreen protector m'għandhom qatt jitneħħew. It-tablet għandu dejjem jinġarr fil-basket ipprovdut.

6.13 Fuq l-iskrin tat-tablet, għandhom jintużaw biss is-swaba' jew l-istylus pprovdut. L-istylus għandha tinżamm fil-carry case tat-tablet.

6.14 Għandha tintuża attenzjoni kbira meta jiddaħħlu USBs u apparat ieħor (cards u usb cables) fit-tablet biex jiġi evitat kull tip ta' ħsara.

6.15 Il-ġenituri għandhom ifakkru lit-tfal biex jiċċargjaw it-tablet tagħhom. Il-batteriji m'għandhom qatt ikunu kompletament disċarġjati. Min-naħa l-oħra, tablets iċċarġjati kompletament, m'għandhomx jitħallew mqabbdin mal-elettriku

6.16 Il-ktejjeb provduti mat-tablet jinsabu fuq is-sit: https://www.digital.edu.mt/downloadable-resources/

6.17 It-tablets m'għandhomx ikunu suġġetti għal sħana jew għal kesħa estrema jew esposti għal-likwidi. Għandhom jittieħdu prekawzjonijiet biex jiġi evitat li t-tablet jixxarrab b'xi likwidu.

6.18 Huwa pprojbit li jsir xi żarmar jew tbagħbis fil-hardware, fis-software jew fl-aċċessorji tat-tablet.

6.19 L-istudenti m'għandhomx iniżżlu mużika, vidjows jew fajls oħra minn kwalunkwe sit ħlief minn dawk ordnati mill-għalliema. L-Apps m'għandhomx ikunu installati fuq it-tablet mingħajr il-permess tal-għalliem.

6.20 It-tablets għandhom jitqabbdu biss ma' netwerks awtorizzati tal-Internet / Wi-Fi fl-iskola, fid-dar u Wi-Fi hotspots pubbliċi meqjusa bħala sikuri (eż. hotspots provduti mill-Awtorità tal-Komunikazzjoni Maltija).

6.21 Jekk it-tablet tiżviluppa xi ħsara teknika, għandu jsir rapport lill-MITA fuq 20935000 u l-ġenituri jiġu kkuntattjati. Jekk it-tablet jiġi midbul, l-iskola għandha tiġi nfurmata mingħajr dewmien.

6.22 Serq, telf jew ħsarat fit-tablet u / jew fl-aċċessorji tiegħu għandhom jiġu rrappurtati mill-aktar fis lill-awtoritajiet tal-iskejjel u jittieħdu l-proċeduri normali ta' rappurtar.

6.23 Fl-eventwalità li l-istudent jemigra, l-istudent għandu jirritorna l-apparat f'kundizzjoni tajba lill-Kap tal-iskola (inklużi l-aċċessorji kollha li kienu ngħataw mat-tablet) biex jingħata lura lill-MFED.

*The information you supply will be used by the Government of Malta for administrative purposes only within the terms of the Data Protection Act [Chapter 440 of the Laws of Malta].The personal data contained in this application form shall be processed by the Government of Malta in strict confidentiality and for the purpose it was collected. You have the right to access, rectify, and where applicable, erase any data concerning you. The data collected will be used to administer the project and can be disclosed to third parties authorized by the Ministry who, will be administering the project on behalf of the Ministry. Further details regarding your rights can accessed on http://www.digital.edu.mt/*

Operational Programme II - European Structural and Investment Funds 2014-2020
"Investing in human capital to create more opportunities and promote the well-being of society"
Project part-financed by the European Social Fund
Co-financing rate: 80% European Union; 20% National Funds

6.24 Meta l-istudent ibiddel l-iskola, l-istudent jieħu t-tablet u l-AUP miegħu fl-iskola l-oħra. L-AUP tingħata lill-Kap tal-iskola l-ġgiga. It-tablet imbagħad jiġi rreġistrat fl-iskola l-ġdida.

## 7. Ċittadinanza diġitali

7.1 Kull tip ta' data li jkun hemm fit-tablet hija suġġetta għall-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data f'Malta.

7.2 Huwa ssuġġerit li jintużaw forom oħra ta' litteriżmu li jinkludu blogs, messaġġi, podcasting, tibgħat/tirċievi stampi, vidjows, u mużika, irrakontar ta' stejjer diġitali, logħob eċċ, dejjem taħt is-superviżjoni tal-għalliema fl-iskola, ġenituri/kustodji d-dar.

7.3 L-aċċess għal netwerks soċjali bħal Facebook, Instagram u Twitter (inkluż siti oħra f'din il-kategorija) permezz tat-tablet huwa strettament ipprojbit għat-tfal.

7.4 L-istudenti huma mħeġġa sabiex iħejju xogħol u jirriċerkaw dwar firxa ta' suġġetti permezz tat-tablets id-dar.

7.5 Cyber-bullying, sexting, phishing u imġieba irresponsabli online, għandhom jittieħdu bis-serjetà, u dan iwassal biex tittieħed azzjoni immedjata. Dawn l-attivitajiet huma pprojbiti u l-istudenti huma mitluba li jirrappurtaw lill-għalliema tagħhom jew lill-ġenituri/kustodji hekk kif isiru jafu b'dawn l-attivitajiet.

7.6 Il-passwords m'għandhomx jiġu mxerrda.

7.7 L-istudenti għandhom jużaw il-kamera u l-mikrofonu tat-tablet biss meta mitluba mill-edukatur.

7.8 L-istudenti għandhom iġibu ruħhom sew meta juzaw l-Internet. Il-ġenituri/kustodji huma mwissija li minkejja l-inizjattivi li qed jittieħdu l-ebda prekawzjoni ma hi 100% sigura u għaldaqstant għandhom dejjem jeżerċitaw superviżjoni fuq l-attivitajiet diġitali tat-tfal.

7.9 L-istudenti għandhom joqogħdu lura milli jniżżlu fajls ta' multimedia kbar fl-iskola sabiex ma joħolqux konġestjoni fis-sistema tal-Internet tal-iskola.

**Biex iżżomm għalik**

Tablet Asset No ____________________

F'każ ta' ħsara u bdil tat-tablet ikteb in-numru l-ġdid tat-tablet hawn taħt:

Numru ġdid tat-tablet ____________________ meta nbidel ____________________(jj/xx/ssss)

Numru ġdid tat-tablet ____________________ meta nbidel ____________________(jj/xx/ssss)

**1 Żomm il-paġni 1-4 għalik**

**2 Imla' l-paġna 5 and ibgħatha lura l-iskola.**

*The information you supply will be used by the Government of Malta for administrative purposes only within the terms of the Data Protection Act [Chapter 440 of the Laws of Malta].The personal data contained in this application form shall be processed by the Government of Malta in strict confidentiality and for the purpose it was collected. You have the right to access, rectify, and where applicable, erase any data concerning you. The data collected will be used to administer the project and can be disclosed to third parties authorized by the Ministry who, will be administering the project on behalf of the Ministry. Further details regarding your rights can accessed on http://www.digital.edu.mt/*

Operational Programme II - European Structural and Investment Funds 2014-2020
"Investing in human capital to create more opportunities and promote the well-being of society"
Project part-financed by the European Social Fund
Co-financing rate: 80% European Union; 20% National Funds

**Ibgħat lura din il-paġna biss (paġna 5) lill-iskola biex it-tifel/tifla tiegħek tingħata t-tablet**

**Firem**

Jiena qrajt u fhimt din il-Politika tal-Użu Aċċettabbli għall-proġett *One Tablet Per Child* u naqbel mat-termini tagħha.

Tablet Asset No ____________________
Dan l-asset number huwa biss referenza u ma jintużax għal skopijiet ta' inventarju.

______________________________________ ______________________

Isem u Kunjom it-tifel/tifla Klassi

______________________________________ ___________________________

Isem u Kunjom tal-ġenitur/kustodja Firma tal-ġenitur/ kustodja

_______________________________________ __________________________________

__________________________________

Numru tal-ID tal-ġenitur/kustodja Numru tal-mobile u email address

___________________________________________________________________________________________

Kulleġġ u Isem tal-iskola

Data: _______________________________________

**Għall-użu tal-Ufficcju tal-Iskola**

F'każ ta' ħsara u bdil tat-tablet ikteb in-numru l-ġdid tat-tablet hawn taħt:

| Numru tat-Tablet il-Ġdid | Meta Ġie Mibdul | Firma tal-Ġenituri/Kustodji |
|---|---|---|
| _____________________ | _________________ | ______________________________ |
| _____________________ | _________________ | ______________________________ |

*The information you supply will be used by the Government of Malta for administrative purposes only within the terms of the Data Protection Act [Chapter 440 of the Laws of Malta].The personal data contained in this application form shall be processed by the Government of Malta in strict confidentiality and for the purpose it was collected. You have the right to access, rectify, and where applicable, erase any data concerning you. The data collected will be used to administer the project and can be disclosed to third parties authorized by the Ministry who, will be administering the project on behalf of the Ministry. Further details regarding your rights can accessed on http://www.digital.edu.mt/*

Operational Programme II - European Structural and Investment Funds 2014-2020
"Investing in human capital to create more opportunities and promote the well-being of society"
Project part-financed by the European Social Fund
Co-financing rate: 80% European Union; 20% National Funds